31996R2333

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2333/96

tal-5 ta' Diċembru 1996

li jemenda r-Regolament (KE) No 2051/96 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-għoti ta' l-għajnuna għall-esportazzjoni tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella li jista' jibbenefika minn trattament speċjali ta' l-importazzjoni fil-Kanada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1445/95

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2222/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 13 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2051/96 [3] jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-esportazzjoni tal-laħam taċ-ċanga lejn il-Kanada b'mod partikolari billi jipprovdi għall-amministrazzjoni taċ-ċertifikati kull tliet xhur; billi fid-dawl tar-regoli Kanadiżi għall-implimentazzjoni tal-kwota tat-tariffa tal-WTO għal-laħam taċ-ċanga ċerti disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2051/96 u (KE) Nru 1445/95 [4], kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 2051/96, għandhom jiġu emendati;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni għal-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2051/96 qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni fir-rigward ta' l-esportazzjoni lejn il-Kanada ta' 5 000 tunnellata metrika kull sena kalendarja ta' laħam taċ-ċanga u l-vitella li joriġina mill-Komunità, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li jikkwalifika għal trattament speċjali."

Artikolu 2

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 qiegħed hawnhekk jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 12 a (6) qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "6. Applikazzjonijiet għal-liċenzja jistgħu jitressqu biss fl-ewwel ħamest ijiem ta' kull xahar.";

2. fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 12 a (8) il-kliem "tliet xhur" għandhom jinbidlu bil-kelma "xahar".

3. L-Artikolu 12 a (9) qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "9. Il-liċenzji għandhom jinħargu mhux aktar tard mill-21 jum ta' kull xahar."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 50.
[3] ĠU L 274, tas-26.10.1996, p. 18.
[4] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.